V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għall-proposti 2013 – EAC/S07/12

Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (PTĦ)

(2012/C 232/04)

1. **Għanijiet u deskrizzjoni**

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja li ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-15 ta' Novembru 2006 (id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE) ([1]). Il-programm ikopri l-perjodu bejn l-2007 u l-2013. L-objettivi speċifiċi tal-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja huma elenkati fl-Artikolu 1.3 tad-Deċiżjoni.

2. **Eliġibilità**

Il-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja japplika għat-tipi u għal-livelli kollha ta' edukazzjoni u ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u huwa aċċessibbli għall-entitajiet kollha elenkati fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni.

Il-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja huwa miftuħ għall-applikanti stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin ([2]):

— is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,

— il-pajjiżi taż-ŻEE/l-EFTA: l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja,

— Il-pajjiżi kandidati: il-Kroazja ([3]), it-Turkija,

— l-Isvizzera,

— l-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja (għall-azzjonijiet tal-programm elenkati fil-Punt A.2 tal-Anness tad-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE biss) ([4]).

Barra minn hekk, l-applikanti minn Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja huma eliġibbli għall-azzjonijiet li ġejjin ([5]):

— Żjarat Preparatorji ta' Comenius, Grundtvig, Erasmus u Leonardo da Vinci,

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja http://eur-lex.europa.eu/lex/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2006:327:0045:0068:MT:PDF u d-Deċiżjoni Nru 1357/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE: http://eur-lex.europa.eu/lex/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:350:0056:0057:MT:PDF

([2]) Ħlief għall-programm Jean Monnet li hu miftuħ għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja mad-dinja kollha.

([3]) Il-Kroazja mistennija ssir Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.

([4]) Il-parteċipazzjoni tal-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina u l-Montenegro f'din is-sejħa għall-proposti hija soġġetta għall-iffirmar ta' Memorandum ta' Ftehim bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti ta' kull wieħed minn dawn il-pajjiżi rispettivament. Jekk il-Memorandum ta' Ftehim ma jkunx ġie ffirmat qabel l-ewwel tax-xahar ta' meta tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar l-għotjiet, il-parteċipanti minn dawn il-pajjiżi ma jingħatawx fondi u ma jitqisux fir-rigward tad-daqs minimu tal-konsorzji/l-ishubiji.

([5]) fil-kuntest tal-proġetti pilota ffinanzjati bl-Istrument tal-UE għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni.

— Taħriġ waqt ix-xogħol Comenius u Grundtvig,

— Żjarat u skambji Grundtvig

— Mobbiltà għall-istudju tal-istudenti Erasmus,

— Mobbiltà tal-Personal Erasmus – Assenjazzjonijiet ta' Tagħlim

— Żjarat ta' studju skont l-Attività Ewlenija 1 tal-Programm Trasversali

— Mobbiltà Leonardo da Vinci

Skont l-Artikolu 14(2) tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-PTĦ, il-proġetti u n-netwerks multilaterali ta' Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci, Grundtvig u l-attivitajiet prinċipali tal-Programm Trasversali huma miftuħa wkoll għall-imsieħba minn pajjiżi terzi li għadhom ma jeħdux sehem fil-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja fuq il-bażi tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni. Tista' tirreferi għall-Gwida PTĦ 2013 għad-dettalji tal-azzjonijiet ikkonċernati u l-modalitajiet tal-parteċipazzjoni.

3. **Baġit u tul tal-proġetti**

Il-baġit totali allokat għal din is-sejħa huwa stmat għal EUR 1 276 miljun.

Il-livell ta' għotjiet mogħtija kif ukoll it-tul tal-proġetti jvarjaw skont fatturi bħalma huma t-tip ta' proġett u l-għadd ta' pajjiżi involuti.

4. **Id-data tal-għeluq biex jitressqu l-applikazzjonijiet**

L-iskadenzi ewlenin huma kif ġej:

Il-Mobilità tal-Istudenti Individwali Comenius		it-3 ta' Diċembru 2012
Comenius, Grundtvig: Taħriġ waqt ix-xogħol	l-ewwel skadenza:	is-16 ta' Jannar 2013
	skadenzi oħra:	it-30 ta' April 2013 is-17 ta' Settembru 2013
Assistentati Comenius		il-31 ta' Jannar 2013
Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci, Grundtvig: Proġetti multilaterali, Netwerks u Miżuri li Jakkumpanjawhom		il-31 ta' Jannar 2013
Leonardo da Vinci: Proġetti multilaterali għat-Trasferiment tal-Innovazzjoni		il-31 ta' Jannar 2013
Leonardo da Vinci: Mobilità (inkluż iċ-ċertifikat ta' mobilità ta' Leonardo da Vinci); Erasmus: Korsijiet Intensivi tal-Lingwa (EILC)		l-1 ta' Frar 2013
Il-Programm Jean Monnet		il-15 ta' Frar 2013
Comenius, Leonardo da Vinci, Grundtvig: Sħubijiet; Comenius: Is-Sħubijiet Regio Comenius: Grundtvig: Sessjonijiet ta' ħidma		il-21 ta' Frar 2013
Erasmus: Programmi Intensivi, Mobilità tal-istudenti għall-istudji u l-pjazzamenti (inkluż iċ-ċertifikat ta' pjazzament mill-konsorzju ta' Erasmus) u l-Mobbiltà tal-Persunal (assenjazzjonijiet ta' tagħlim u taħriġ tal-persunal)		it-8 ta' Marzu 2013
Grundtvig: Assistentati, Proġetti ta' Volontarjat mal-Anzjani;		it-28 ta' Marzu 2013
Programm Trasversali: L-attività prinċipali 1 – Żjajjar ta' studju	l-ewwel skadenza	it-28 ta' Marzu 2013
	It-tieni skadenza	il-15 ta' Ottubru 2013
Programm Trasversali: l-attivitajiet l-oħrajn kollha		it-28 ta' Frar 2013

Għaż-Żjajjar u l-Iskambji ta' Grundtvig u għaż-Żjajjar Preparatorji tal-programmi settorjali kollha jeżistu bosta skadenzi skont il-pajjiż partikolari. Jekk jogħġbok irreferi għas-sit tal-Aġenzija Nazzjonali rilevanti f'pajjiżek.

5. **Informazzjoni sħiħa**

It-test sħiħ tas-"Sejħa Ġenerali tal-PTĦ għall-proposti 2011-2013 – Prijoritajiet Strateġiċi 2013", flimkien mal-"Gwida tal-Programm tal-PTĦ 2013" u l-informazzjoni dwar id-disponibilità tal-formoli tal-applikazzjoni jinsabu f'dan l-indirizz tal-internet: http://ec.europa.eu/education/llp/official-documents-on-the-llp_en.htm

L-applikazzjonijiet iridu jirrispettaw it-termini kollha tat-test sħiħ tas-Sejħa u tal-Gwida tal-Programm tal-PTĦ, u jitressqu fuq il-formoli t-tajbin li huma pprovduti.